**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 39/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Robert Delmar**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Robert Delmar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0438582M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Novembru 2021 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, ġewwa Ħabel Bellu, limiti ta' Ħaz-Zebbuġ, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jezerċita dritt li jippretendi li għandu, fixkel lil Joseph Calleja fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor u ostakolalu l-aċċess għall-propjeta' tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Robert Delmar ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u lliberatu bil-kondizjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sena mid-data tas-sentenza. *In oltre*, ai termini tal-artikolu 85(2) u 277(3)(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-

imputat Robert Delmar sabiex fi zmien xahar jagħti aċċess lil Joseph Calleja tal-bir mertu ta' din il-kawza u fin-nuqqas jista' jiġi misjub ħati u jeħel meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux anqas minn €4.66 u mhux izjed minn €23.29 għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi zmien. Il-Qorti ukoll awtorizżat lill-Pulizija sabiex tneħħi l-inkonvenjent li għalih ikun jirreferixxi r-reat għas-spejjeż tal-ħati, f'liema każ jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant, Robert Delmar, ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta u tilliberah kompletament skond il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, l-appellant jitlob li din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel aggravju ventilat mill-appellant jirrigwarda l-parametri temporali li fih allegatament seħħ ir-reat, kif indikat fiċ-ċitazzjoni, u ċioe' "*fix-xahar ta' Novembru 2021 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel*". L-appellant jilmenta li mill-provi jirriżulta li l-att inkriminatorju allegatament seħħ fis-sena 2018 u dan kif indikat mill-parti offiża meta jilmenta illi l-aċċes għal bir mertu tal-kawża ġie lilu mċaħħad minn dan iż-żmien u għalhekk l-att materjali tar-reat ma seħħx fiż-żminijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

Illi minn eżami tal-Atti Proċesswali jirriżulta li nhar il-11 ta' Novembru 2021, il-Pulizija Ezekuttiva rċeviet kwerela mill-parti offiża Joseph Calleja fir-rigward ta' allegat ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali mill-appellant. Meta mitkellem mill-Pulizija, Calleja stqarr li għandu għalqa f'Ħabel Bellu, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u li huwa kellu dritt li jidħol fl-għalqa ta' biswit – li hija propjeta' tal-appellant – sabiex ikollu aċċess għall-bir li kien hemm f'din l-istess għalqa. Calleja stqarr li pero' "**f'dawn l-aħħar xhur**", l-appellant "**kien tella ħajt u għamel xatba u għalhekk ma setgħax jidħol iktar jieħu l-ilma**". Meta in segwitu, ġie mitkellem l-appellant huwa innega dan kollu u saħansitra stqarr li huwa ma kien għamel l-ebda xatba, stante li din kienet ilha fuq il-post zmien twil.

Illi matul il-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kien maħtur il-Perit Ruben Sciortino bħala espert li kien aċċeda fuq is-sit in kwistjoni u sema' l-verżjonijiet tal-partijiet sabiex kien f'pozizzjoni jirrelata dwar l-inkarigu mogħti lilu. Il-Qorti tinnota li kemm l-appellant kif ukoll il-parte ċivile, it-tnejn debitament assistiti, għamlu dikjarazzjoni lill-Espert tal-Qorti waqt l-aċċess miżmum fuq is-sit, liema dikjarazzjonijiet jindikaw is-segwenti fatti probatorji:

> **<u>Dikjarazzjoni tas-Sur Joseph Calleja waqt l-aċċess</u>**
>
> **Il-ħajt divizorju inbena ċirca għaxar snin ilu minħabba raġunijiet ta' siġurta'.**
>
> **<u>Dikjarazzjoni tas-Sur Robert Delmar waqt l-aċċess</u>**
>
> **Il-ħajt tas-sejjieħ (tal-faċċata mat-triq) inbena ċirca ħames snin ilu, waqt li l-grada tal-ħadid twaħlet ċirca sena u nofs ilu.**

Illi in segwitu, l-istess Espert tal-Qorti wasal għall-konkluzzjoni li "**aċċess għall-bir ... għas-Sur Calleja ġie limitat minħabba l-grada u l-ħajt li bena s-Sur Delmar**".

Illi, *in oltre*, ix-xhud in difesa Alfred Delmar, missier l-appellant, kien skjett ħafna meta stqarr li wara li l-parte ċivile ressaq il-ħajt ta' barra, l-għalqa tagħhom kienet ġiet miftuħa għall-kulħadd. Kien għalhekk li kienu għamlu ix-xatba tal-ħadid in kwistjoni. Jidher biċ-ċar li tezisti pika bejn il-partijiet konċernati, pero' minn dina ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta li allura kienet propju ix-xatba ndikata minn dan ix-xhud li għalqet l-aċċess tal-parte ċivile għal bir li huwa kellu dritt juża.

Illi, kif intqal aktar 'il fuq, l-appellant stess stqarr li tali xatba inbniet madwar sena u nofs qabel ma sar l-aċċess *in situ* mill-Perit Sciortino. Meta sar l-aċċess eżatt dina l-Qorti ma tistax tikkonstata, u dana minħabba li r-rapport tal-Perit jonqos milli jindika din id-data. Li tista' pero' tikkonstata l-Qorti huwa li l-aċċess sar bejn id-9 ta' Mejju 2022 (meta nħatar l-istess Perit mill-Ewwel Qorti) u it-13 ta' Ġunju 2022 (meta l-espert ppreżenta r-rapport tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti). Għalhekk ċertament li l-perijodu ndikat fiċ-ċitazzjoni in dizamina u ċioe "*Novembru 2021 u l-ġimgħat u x-xhur ta' qabel*" jinkorpora fih il-perijodu li l-appellant stess *ex admissis* stqarr li saret ix-xatba in kwistjoni. Għalhekk l-Qorti hija tal-fehma li l-partikolaritajiet ta' żmien indikati fiċ-ċitazzjoni huma korretti u jinkorporaw fihom l-parametri temporali li fih allegatament kien kommess ir-reat.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jeċepixxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali bid-dekors taż-żmien indikat fl-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kirminali. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti marbuta mal-ewwel aggravju huwa indubitat illi l-appellant ikkometta l-att materjal tar-reat "f'*Novembru 2021 u l-ġimgħat u x-xhur ta' qabel*". Dawn il-parametri temporali għalhekk, ikopru l-perijodu ta' żmien minn Jannar 2021 u jkomplu sa Novembru 2021. *In oltre*, mill-atti proċesswali jirrizulta illi l-appellant ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni odjerna nhar il-21 ta' Jannar 2022.

Illi, ir-reat tar-*raġġion fattasi* kif imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, iġorr il-piena ta' bejn xahar u tlett xhur priġunerija. Għalhekk, fit-termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, il-perijodu ta' preskrizzjoni huwa dak ta' sentejn. Illi, hekk kif ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza, fir-rigward tar-reat ta' *raggion fattasi,* l-istess reat mhuwiex ikkonsidrat bħala reat kontinwat iżda huwa meqjus bħala reat istantanju li jista' jkollu effetti permanenti. Il-Manzini igħid hekk fuq dan ir-reat ta' ordni pubbliku:-

**E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato.**[1]

Illi għalhekk huwa indubitat illi l-azzjoni penali ma hijiex perenta bid-dekors taż-żmien preskrittiv u dan ukoll għaliex l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li ma tibqax il-permanenza tar-reat[2] u għalhekk lanqas dan it-tieni aggravju ma jistħoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-tielet sas-seba' aggravji vventilati minnu, l-appellant jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Jibda billi jisħaq li l-elementi tar-reat ta' *raġġion fattasi* ma ġewx ippruvati la fill-fatt u anqas fid-dritt kif ukoll jillanja mill-fatt li l-allegat vittma ma xehedx fil-proċeduri odjerni. Jilmenta wkoll li hemm nuqqas assolut ta' provi fattwali li jippruvaw li kien l-appellant li kien ħati tal-allegat reat kif ukoll li ma ġiex stabbilit f'hix kien jikkonsisti l-att inkriminatorju. Finalment, l-appellant jilmenta ukoll li l-*mens rea* meħtieġ sabiex jissusisti r-reat in kwistjoni ma ġiex ippruvat.

Illi f'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti terġa' tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha.[3]

---

[1] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. V, Torino 1950, p. 996.

[2] Artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali

[3] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi eżaminati l-atti proċesswali ai fini biex jkunu kkunsidrati dawn l-aggravji jemerġi illi l-appellant jinsab mixli bir-reat maħsub fl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' dak ir-reat hekk magħruf bħala *raggion fattasi*. Hekk kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuza, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

> **a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
>
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;**
>
> **c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;**
>
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.**
>
> ***In oltre*, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu.[4]**

Illi, minn jikkometti r-reat ta' *raggion fattasi* ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti ukoll f'kaz fejn il-vittma ikollu sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.

Illi fil-fehma tal-Qorti, huwa ppruvat illi l-parti offiża Joseph Calleja kellu l-jedd ta' tgawdija li jieħu l-ilma mill-bir mertu ta' dawn il-proċeduri, tant illi dan il-fatt ma jidhirx li huwa wieħed li qed jiġi kkontestat. Sabiex igawdi dan il-jedd jidher li fl-imgħoddi l-appellant kellu id-dritt ta' aċċess għal fond fejn kien jinsab dan il-bir sabiex b'hekk seta' igawdi mill-użu ta'l-istess. Dan l-aċċess kien ostakolat mill-appellant meta bena xatba fl-għalqa tiegħu għaliex dehrlu li din kienet miftuħa għal kulħadd u dan mingħajr ma ta aċċess lill-parti offiża għall-użu tal-bir.

Illi għalkemm Calleja ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti pero' huwa għamel dikjarazzjoni dwar il-fatti lill-Espert maħtur mill-Qorti, liema fatti jaqblu ma dawk li

---

[4] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża millQorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

kien ta lill-Pulizija Ezekuttiva meta ġie mitkellem in segwitu għall-kwerela minnu magħmula.

Illi dwar in-nuqqas ta' provi fattwali sabiex jiġi ppruvat li filfatt ir-reat *de quo* seħħ u seħħ propju mill-appellant, dina l-Qorti ma taqbilx. Biss biss, fir-rapport tal-espert tal-Qorti hemm dikjarazzjoni tal-appellant fejn *ex admissis* jgħid li l-grada tal-ħadid twaħħlet minnu ċirka sena u nofs qabel. Dan huwa mbagħad imsaħħaħ mit-testimonjanza ta' missieru stess li minn naħa tiegħu kkonferma li x-xatba kienet twaħħlet minnu u mill-appellant wara li l-parti offiża kien għamel alterazzjoni fil-ħajt. Hekk kif xehed missier l-appellant innifsu dan sar bħala ritaljazzjoni għall-aġir tal-parte ċivile li immodifika il-ħajt li kien jifred iż-żewġ proprjetajiet.

Illi in vista ta' dan kollu, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-appellant wettaq ir-reat addebitat lilu u li għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta li sabet ħtija fir-rigward. Għaldaqstant, l-aggravji numru tlieta sa seba' tal-appellant qed jiġu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi it-tmien aggravju vventilat mill-appellant jirrigwarda l-ordni magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn hu ġie ordnat jirreintegra lill-parti offiża fl-użu u t-tgawdija tal-bir għall-istat li kien fih qabel. L-appellant jisħaq li l-Qorti ta' kompetenza kriminali mhix kompetenti tiddikjara li seħħ xi spoll billi din taqa' fil-kompetenza tal-qrati ċivili.

Illi dan l-aggravju huwa ukoll intrinsikament marbut mal-għaxar aggravju mressaq mill-appellant u ċioe li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tapplika d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali u dana stante li ma sar l-ebda rikors minn naħa tal-Pulizija fir-rigward, kif tirrikjedi l-liġi.

Illi s-subartikolu (2) għall-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> **Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.**

Illi r-reat ta' *raggion fattasi* huwa reat li jolqot l-Ordni Pubblika, bl-għan wara l-prosekuzzjoni tiegħu tkun dik li jkun sanzjonat l-istat anti-ġuridiku u li jkun hemm ir-ripristinar tal-*istatus quo ante* l-att spoljattiv. *In oltre*, l-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, li għalih għamlet ukoll referenza l-Ewwel Qorti, jaqra hekk –

> **Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bihikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu(€4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.**

Illi, għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet korretta li ordnat ukoll li jerġa' jingħata aċċess lill-parti offiża għall-bir mertu tal-kawża u dana a bazi ta' din d-dispozizzjonji tal-Liġi, bl-appellant jkun issanzjonat jekk huwa jonqos milli jottempera ruħu ma' din l-Ordni meta għandu jitressaq mill-ġdid quddiem il-Qorti fejn jekk jirriżulta in-nuqqas ta' ottemperanza, ikun misjub ħati u ikkundannat għal dik l-ammenda li l-Qorti imbagħad tqies xieraq fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u fil-parametri indikati mill-liġi Għaldaqstant, lanqas it-tmien u l-għaxar aggravji tal-appellant ma jistħoqqilhom akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju minnu mressaq (numru disa' fir-rikors tal-appell *de quo*), l-appellant jilmenta li jħossu aggravat għaliex fit-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet tiegħu ma hemm imkien imnizzel l-analiżi li huwa kien ikkonduċa *a voce* fuq ir-rapport peritali. Illi dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ meta huwa evidenti mill-atti illi t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tinsab a fols. 54 u 55 tal-atti, b'dan ukoll illi anke jekk dawn ma kenux traskritti ma jfissirx awtomatikment illi l-Ewwel Qorti injorat xi sottomissjoni magħmula mid-difiża. Għaldaqstant din il-lanjanza wkoll ma jistħoqqilhiex akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**